**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Lulju, 2023**

**Rikors Revoka Nru: 368/2023 AF**

Wara l-mandat ta' inibizzjoni numru 393/2023 FDP

**George Fenech**

**vs**

**Sylvana Tanti et**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Sylvana Zammit già Tanti, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbet lil din il-Qorti tirrevoka d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet premessi li permezz tieghu gie milqugh il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi u minflok tichad definittivament il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub minn George Fenech.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' George Fenech.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Sylvana Zammit qed titlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' inibizzjoni skond ma jipprovdi l-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jahseb ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju

> *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta pronunzjat fis-26 ta' Jannar 2023 gie mahrug fil-konfront tal-eredità ta' Noel Tanti, Ramon Gusman, Gusven Services Limited, George Fenech u Antoine Tanti, fil-mandat *in procintu*, dan wara sentenza tal-Qorti tal-Familja moghtija fil-21 ta' Mejju 2020.

Fit-8 ta' Marzu 2023 gie mitlub u miksub mandat ta' inibizzjoni sabiex Sylvana Tanti tinzamm milli tkompli bl-ezekuzzjoni tal-mandat *in procintu*. Huwa dan il-mandat ta' inibizzjoni li qed jigi kontestat illum.

Il-Qorti tibda billi tirreferi ghad-digriet taghha stess moghti wkoll fuq talba tal-istess George Fenech, fit-28 ta’ Frar 2023.

Ikkunsidrat illi mandat *in procintu* huwa wiehed mill-mandati ezekuttivi u ghalhekk bhala tali japplika ghalih l-Art. 276 tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

> *"Ħadd ma jista’ jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta’ mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni."*

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, b’applikazzjoni tal-fuq citat artikolu tal-ligi, il-procedura kontemplata fl-Art. 873 ma kellhiex tintuza sabiex tinzamm ezekuzzjoni tal-mandat. Il-ligi hija cara u inekwivoka. Fil-kaz in ezami, l-mandat ghadu ma giex esegwit.

Il-Qorti tifhem li fl-ahhar mill-ahhar il-mandat *de quo* ser jolqot hazin lil George Fenech li ma kienx id-debitur originali. Madanakollu, dan jidher li gie kunsidrat mill-Qorti li harget il-mandat *in procintu*, tant li sejhitlu fil-proceduri. Finalment, huwa ghandu kull jedd idur fuq min ghaddielu l-kirja li wasslet ghal tant inkwiet.

F’dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ Sylvana Zammit già Tanti u tirrevoka d-digriet tat-22 ta’ Marzu 2023 li bih intlaqghet it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni 393/23.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu minn George Fenech.

IMHALLEF